MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2003

Numru. 137/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**DOTTOR GRAZIO MERCIECA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat DOTTOR GRAZIO MERCIECA bin Carmelo u Angolina nee Lia residenti 'Gizimin', Triq Viani, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 802957M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' April 2003 bejn l-ghaxra u nofs ta' filghodu u l-hdax u nofs ta' filghodu fl-edificcju tal-Qorti Ghawdex fil-presenza ta' xhieda, ingurja lil kwerelanta Dr. Francelle Saliba bi kliem ta' disprezz, heddidha, irrikkattha u uza vjolenza morali fuqha, waqt li kienet tezercita l-porofessjoni taghha waqt seduta qudddiem il-Perit Arkitett Mizzi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din l-akkuza tirnexxi mid-disposizzjoni tal-ligi u cioe` l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe ingurja jew theddid kontra ufficjal pubbliku.

Skond l-artikolu in dezamina l-artikolu 95 tal-Kap 9 jiddisponi s-segwenti:

"*kull minn jingurja jew jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz...*"

Dan r-reat huwa dak maghruf bhala oltragg. Huwa forma ta' ingurja ta' gravita specjali minhabba dak r-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku u cioe' kif jghid Crivellari fil-ktieb tieghu *Codice Penali*, vol 6, pg. 213 para 358 li:

"*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cause delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa.*"

L-istess awtur izid jghid li:

"*l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa.*"

L-element ta' dan r-reat kif jghid Crivellari u kkonfermati fis-sentenzi moghtija mill-*Qorti tal-Appelli Kriminali* fl-ismijiet Il-Pulizija v Mario Cuschieri *deciza nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997* u Il-Pulizija v Joseph Fenech *deciza fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999*, huma s-segwenti:

*1. e` necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;*
*2. soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale;*
*3. l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;*
*4. vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;*
*5. l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;*
*6. l'elemento intenzionale.*"

Fis-sentenzi fuq citati, l-Qorti tal-Appelli Kriminali sostniet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

a. li l-kliem denunzjat bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u
b. li jkunu inghadu *officio durante nel contemplatione officii*, u
c. li l-kliem jigu proferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di viso, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u
d. li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u
e. li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-istess *Qorti tal-Appell Kriminali* fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija v Amante Camilleri *deciza fis-sbatax ta' Ottubru 1997*, kompliet telabora u tghid li:

"*Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe dana l-animus ingurjandi, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu*

*ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kutrarja li intqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna.*"

B' eccezzjoni pero kompliet tghid il-*Qorti tal-Appell Kriminali* fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Amante Camilleri li:

" *Jekk pero l-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk l-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".*

In oltre, fil-kaz Il-Pulizija v Emanuel Pace, wkoll *deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar t-tletin ta' April 1993*, biex jissusisti dan id-delitt ta' oltraggio, hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "*officio durante ad contemplazione officii*".

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmel Farrugia deciza mill-*Qorti tal-Appelli Kriminali nhar s-sittax ta' Frar 1998,* il-*Qorti tal-Appell Kriminali* qalet li jekk il-kliem li jintqal mill-agent bejn Ufficjal Pubbliku jintqal b'sens ta' kritika, il-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka <u>ironika</u> jew addirittura <u>sarkastika</u>. F'dan il-kaz ir-reat in dezamina ma jirrizultax.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuel Cassar *deciza fit-tnax ta' Dicembru 1936, il-Qorti tal-Appell Kriminali* iddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltraggio hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-

kwalifika ta' ufficjal pubbliku u filwaqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz ta' oltraggio jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni li l-hati joffendi lil Ufficjal li jkun u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni, ma hemmx l-oltragg imma jista jkun hemm kontravenzjoni ohra.

Issa ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li ghandha tezamina ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u dik moghtija mill-imputat u provi tad-difiza, Alfred Saliba, biex tistabilixxi jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat in desamina kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat odjern u cioe jekk il-Prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil kwerelanti Dottor Saliba tixhed fis-seduta tal-hamsa ta' Gunju 2003 u spjiegat b'mod emozjonali hafna kif waqt seduta li nzammet quddiem il-perit tekniku Joe Mizzi, nominat mill-Qorti f'kawza civili nhar l-erbgha ta' April 2003, l-imputat beda jistultifika l-process gudizzjarju li kien ghaddej billi qalilha li riedet tizgwida ix-xhud. Hija spjiegat li l-imputat tilef rasu u qalet li qalilha l-kliem 'l-ewwel ghandu jispicca ix-xhieda l-attur imbaghad tibda hi bil-kontro ezami tax-xhieda tal-atturi.' Hija wiegbet li riedet taghmel l-kontro ezami dak l-hin pero huwa wegibha oqghod hemm ma taf xejn, kulhadd jidhaq bik, ja injoranta.'

Hija spjiegat li hasset ruhha mheddha u vjolentata moralment, spjiegat li hija ghamlet xi zmien tiprattika mal-istess imputat fl-ufficju tieghu u ghalhekk hasset ruhha aktar ingurjata b'dawn il-kliem.

Angele Zammit xehdet u spjiegat li dakinhar tal-erbgha ta' April 2003, Dottor Mercieca ghajjar lil Dottor Saliba injoranta u pulcinella ghaliex ma riediex tibda bil-kontro ezami tax-xhieda qabel ma jlesti bix-xhieda tal-atturi. Mistoqsija mill-Qorti fuq x'hiex inqala l-incident ix-xhud wiegbet li l-incident sehh dwar minn kellu jibda jaghmel l-kontro ezami l-ewwel.

Raymond Zammit xehed u spjiega li waqt li huwa kien qed jixhed f'seduta il-Qorti quddiem il-perit Mizzi dwar il-kawza

civili li ghandu fuq kwistjoni ta' wirt, l-imputat qal kliem mhux xieraq lil Dottor Saliba fosthom imbecilli. Dottor Saliba riedet taghmel il-kontro ezami u Dottor Mercieca ma hallihiex.

Il-Perit Mizzi xehed fis-seduta tad-dsatax ta' Gunju 2003 u spjiega li huwa gie nominat bhala perit gudizzjarju f'kawza civili li qed tinstemgha bejn xi familjari u l-imputat u Dottor Saliba qeghdin jippatrocinaw lil partijiet koncernati f'dik il-kawza li tinstab pendenti quddiem il-Qorti fl-ismijiet Alfred Saliba pro et noe et v Rita Zammit [Citazz. Nru 32/02].

Il-Perit Mizzi spjiega li kollox kien miexi sew waqt is-seduta sakemm inqala l-incident in kwistjoni u cioe meta ix-xhieda li pproduciet Dottor Saliba spiccaw jixhdu. Dottor Mercieca ried jaghmel l-kontro ezami u Dottor Saliba ipprotestat ruhha ghaliex ippretendiet li kellha tibda taghmel l-kontro ezami hi ta' xhieda li diga kienu xehdu u kien f'dak il-hin li nqala l-battibekk bejniethom quddiem il-klijenti rispettivi taghhom. Dan il-battibekk fil-fehma tieghu dam sejjer mhux hazin u f'daqqa wahda Dottor Mercieca hareg 'l barra wara li ghamel verbal fl-atti. Il-Perit Mizzi iddikjara li huwa ma semghax lil imputat jghajjar lil Dottor Saliba bil-kliem injoranta jew pulcinella izda semghu jinsisti maghha li kellu jibda bil-kontro ezami.

L-imputat xehed w ikkonferma li quddiem l-perit Mizzi nhar l-erbgha ta' April 2003 nqala l-incident kif spjiegat mill-istess perit. Huwa cahad li ghajjajar lil Dottor Saliba jew qalilha xi kliem, ingurjuz bhal 'imbecilli' jew 'injoranta' pero huwa veru li qalilha li fil-fehma tieghu ma kienetx taf il-procedura tal-Qorti ghaliex kellu kull dritt jaghmel il-kontro ezami ta' xhud li kien ghad kif iddepona u fil-fatt huwa ippresenta rikors quddiem il-Prim'Awla fl-atti tal-kawza civili sabiex jiehu direzzjoni mill-Qorti dwar dan l-incident u dan wara li jaghmel il-verbal quddiem il-perit tekniku esibit fl-atti. Fil-fatt huwa spjiega li l-allegat vittma Dottor Saliba bdiet tipprova iccekknu u tghid li hija studjat tmien snin l-Universita` u li ma jafx daqsha.

Alfred Saliba prodott mill-imputat xehed u qal illi l-imputat kellu xi jghid ma Dottor Saliba dwar min kellu jibda bil-

kontro ezami, inqalet kwistjoni bejniethom, it-tnejn ghollew il-vuci taghhom pero' ma kienx f'posizzjoni jghid b'certezza xi kliem intqal.

Illi ghalhekk il-Qorti hija infaccata b'dubju serju dwar x'kienu il-kliem li allegatament ntqalu mill-imputat fil-konfront ta' Dottor Saliba ghalkemm huwa zgur li l-imputat ghajjar lil Dottor Saliba li ma tafx il-procedura tal-ligi u dan fuq ammissjoni tal-istess imputat.

Illi ghalhekk sabiex il-Qorti tara jekk il-fatti odjerni fil-fatt jikkostitwixxu r-reat taht l-artikolu 95 tal-Kap 9 hija trid tara jekk l-elementi tar-reat fuq imsemmi gewx ippruvati.

Dwar l-ewwel element cioe` dak li l-kliem allegatament ingurjuz ghandu jinghad li wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku, dana l-element bla dubju ta' xejn jirrizulta ghadu hemm si tratta ta' persuna li qed taqdi d-dmirijiet taghha ta' ufficcjal tal-Qorti u cioe` Dottor Saliba kienet qieghda tagixxi fil-vesti taghha ta' difensur ta' parti f'kawza u hassitha ingurjata bi kliem li ntqal mill-imputat.

Dwar it-tieni element, u cioe` li dak il-kliem irid ikun inghad waqt li dak l-ufficjal pubbliku qed jaqdi dmirijietu jew minhabba li jkun qeda dmirijietu, tirrizulta proprju li dak il-kliem tal-imputat inghad minhabba is-servizz jew dmirijiet tal-offiz.

Dwar it-tielet element li dak il-kliem ikun intghad fil-presenza jew f'wicc l-ingurjat dan l-element jirrizulta ukoll ghaliex li tghajjar avukat li ma jafx il-procedura tal-ligi quddiem il-klijenti tieghu certament huma kliem offensivi.

Dwar l-ahhar rekwizit u cioe` l-element intenzjonali stante li hawn si tratta ta' delitti u cioe` l-intenzjoni li wiehed jingurja jew joffendi lill-ufficcjal pubbliku din l-intenzjoni ghandha tirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz in esami. Dar dan l-element tal-intenzjoni mill-esami tac-cirkostanzi tal-kaz wiehed jista jara jekk:

1. Dan l-element huwa presunt stante li dan huwa certament kliem ingurjuz per se intiz sabiex joffendi lill-persuna ghal min kien indirizzat direttamet jew,
2. Anke jekk dan il-kliem fih innifsu, mad-daqqa t'ghajn huwa ingurjuz jistghax ighati il-kaz li jkun ntqal mhux bl-intenzjoni li ssir ingurja jew li joffendi izda filwaqt li l-agent f'dan il-kaz l-imputat kienx qed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari tal-allegat ingurjat.

Ghalhekk jekk dan il-kliem li qal l-imputat lejn Dottor Saliba intqal b'sens ta' kritika sakemm din il-kritika ma tiggenerax f'ingurja din qatt ma tista tigi penalizzata anka jekk dik il-kritika tiehu il-forma ironika jew sarkastika. F'tali kaz ma hemmx ir-reat in esami izda jista jkun hemm xi reat jew kontravenzjoni ohra.

Fil-kaz in esami il-Qorti ma thossx illi l-imputat kellu l-intenzjoni rikjesta f'dan ir-reat li jingurja jew jhedded lil Dottor Saliba izda dak li qal setgha qalu b'rabja u rimostranza minhabba in-nuqqas ta' ftehem dwar xi procedura kellha tintuza dwar kif kellu jsir il-kontr' ezami.

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-ingurja jew kliem mhux xierqa li ntqalu fil-konfront ta' Dottor Saliba m saritx bl-*animus ingurjandi* li hu id-dolo specifiku ta' dan ir-reat. Il-Qoti thoss li mic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-battibekk inqala minn konversazzjoni normali minhabba divergenza bejn opinjoni tal-imputat u tal-allegat vittma u mhux ghaliex l-imputat kellu xi hsieb volontarju li jnaqqas il-gieh jew li jingurja jew jhedded lill-istess Dottor Saliba.

Din il-Qorti fl-ahhar nett taghmilha cara li tikkonsidra bhala reati serji l-incidenti kollha li jigru fl-edificcju tal-Qorti, post fejn ghandha tirrenja s-serenita` u fejn ghandha tipprevali l-kontestazzjoni civili u mhux il-glied civili u l-ghajjat. Pero' f'dan il-kaz ghalkemm tista’ tirrizulta xi kontravenzjoni ohra peress illi fil-kontravenzjonijiet mhux necessarja l-intenzjoni kriminuza izda hija bizzejjed il-volontarjeta` tal-att, din l-akkuza ma giex ippruvata.

Il-Qorti ma thossx illi il-kontravenzjoni kontemplata fl-artiklu 252 (2) hija kompriza w involuta fir-reat taht l-artikolu 95 tal-Kap 9 u ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lill-imputat DOTTOR GRAZIO MERCIECA hati tal-akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------